Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2127(INI)

12.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Ċina
(2023/2127(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Hilde Vautmans

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Ċina
(2023/2127(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar iċ-Ċina tat-30 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Marzu 2019 intitolata "UE-Ċina – Perspettiva strateġika" (JOIN(2019)0005),

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku tas-16 ta' Settembru 2021,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Hong Kong tat-28 ta' Lulju 2020,

– wara li kkunsidra d-diskorsi dwar it-tnaqqis tar-riskji li għamlet il-President Ursula von der Leyen fil-European Policy Centre fit-30 ta' Marzu u fil-Parlament fit-18 ta' April 2023,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2023 dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN(2023)0020),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar strateġija UE-Ċina ġdida[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi ċ-Ċina hija fl-istess ħin sieħba kif ukoll kompetitur dejjem aktar b'saħħtu u rivali sistemiku tal-UE;

B. billi kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll iċ-Ċina għandhom interess komuni li jfittxu relazzjonijiet kostruttivi u stabbli, li jridu jkunu bbażati fuq ir-rispett tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-dritt internazzjonali, id-djalogu bbilanċjat u r-

[1] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 17.
[2] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 40.

reċiproċità;

C. billi l-Partit Komunista Ċiniż ma jħaddanx l-istess valuri bħad-demokraziji Ewropej, sar dejjem aktar awtoritarju u jippromwovi mudelli ta' governanza fuq livell internazzjonali li jmorru kontra l-valuri tal-UE;

D. billi ċ-Ċina qed tinbidel u miexja lejn era ġdida ta' sigurtà u kontroll ikkaratterizzata minn politika ekonomika u estera dejjem aktar assertiva, tipprova tbiddel l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tadotta politiki nazzjonali dejjem aktar oppressivi;

E. billi l-UE tista' biss tiddefendi b'mod kredibbli l-interessi u l-valuri tagħha kontra Ċina dejjem aktar assertiva jekk taġixxi b'approċċ uniku u magħqud;

F. billi biex tiddefendi l-valuri fundamentali tagħha u tiġi ttrattata ta' sieħba ndaqs, l-Ewropa teħtieġ approċċ ġdid fil-konfront taċ-Ċina bbażat fuq awtonomija strateġika Ewropea, reċiproċità u kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma kif ukoll oppożizzjoni għall-koerċizzjoni;

G. billi l-UE ma għandhiex taċċetta appoġġ politiku jew militari kritiku min-naħa taċ-Ċina favur il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jew l-ebda aġir maħsub biex jaħrab mis-sanzjonijiet tal-UE imposti wara l-invażjoni illegali tar-Russja;

H. billi l-UE ma għandha taċċetta l-ebda bidla unilaterali għall-istatus quo fl-Istrett tat-Tajwan, b'mod partikolari bl-użu tal-forza, u lanqas il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li għaddej fiċ-Ċina, b'mod partikolari fix-Xinjiang, fit-Tibet, fil-Mongolja Interna u f'Hong Kong;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

Djalogu maċ-Ċina biex jiġu indirizzati l-isfidi globali

(a) ikomplu jiddjalogaw maċ-Ċina biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, pereżempju t-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, is-saħħa u t-tħejjija għall-pandemiji, is-serħan mid-dejn u l-assistenza umanitarja, u jżidu d-djalogu maċ-Ċina dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà fid-dawl tar-rwol dejjem aktar kritiku taċ-Ċina fis-sigurtà globali;

(b) jistiednu liċ-Ċina ssostni l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, speċjalment il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż ir-rispett tal-integrità territorjali jew tal-indipendenza politika tal-Istati kollha;

(c) iżommu l-istabbiltà diplomatika filwaqt li jżidu l-assertività tal-UE fil-konfront taċ-Ċina bil-għan li terfa' r-responsabbiltà tagħha bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u tagħmel pressjonijiet fuq ir-Russja biex twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni illegali tagħha kontra l-Ukrajna;

(d) itennu li ċ-Ċina, bħala l-produttur prinċipali ta' emissjonijiet tal-karbonju fid-dinja, jeħtiġilha timpenja ruħha biex tillimita l-emissjonijiet ta' CO_2 tagħha sal-2030, bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-wegħdiet li għamlet;

(e) jiżguraw li ċ-Ċina tiżvolġi rwol kostruttiv fl-organizzazzjonijiet multilaterali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u n-Nazzjonijiet Uniti u li jsostnu inizjattivi li jippermettu l-parteċipazzjoni tat-Tajwan fil-laqgħat, fil-mekkaniżmi u fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti bħad-WHO, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;

(f) jirrispondu b'mod adegwat għall-isforzi taċ-Ċina maħsuba biex toħloq organizzazzjonijiet internazzjonali alternattivi, anki permezz tal-grupp tal-pajjiżi BRICS (il-Brażil, ir-Russja, l-Indja, iċ-Ċina u l-Afrika t'Isfel), billi jiġi żgurat koordinament aħjar fost l-Istati Membri tal-UE u jiġu intensifikati s-sħubijiet mas-sħab tad-dinja kollha tal-istess fehma;

Oppożizzjoni għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa taċ-Ċina

(g) jinsistu fuq il-fatt li ċ-Ċina tirrispetta r-responsabbiltajiet tagħha bħala potenza globali billi ssostni d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

(h) jiżguraw approċċ Ewropew magħqud meta ċ-Ċina tuża l-influwenza ekonomika biex issikket l-oppożizzjoni kontra l-abbużi tagħha tad-drittijiet tal-bniedem; jintensifikaw il-parteċipazzjoni u jinkludu lill-Membri tal-Parlament Ewropew fid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem maċ-Ċina u jaħdmu biex jittieħed approċċ magħqud rigward il-kooperazzjoni kulturali u akkademika maċ-Ċina, filwaqt li tiġi evitata l-influwenza mhux xierqa minn sorsi ta' finanzjament Ċiniżi;

(i) isostnu investigazzjoni indipendenti u imparzjali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari fix-Xinjiang u fit-Tibet, u li jħeġġu lill-awtoritajiet Ċiniżi jagħtu aċċess sinifikattiv lir-reġjuni kkonċernati u jeħilsu immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet lill-akkademiku Ujgur u rebbieħ tal-Premju Sakharov 2019 Ilham Tohti;

(j) jindirizzaw il-każijiet individwali ta' ċittadini Ewropej miżmuma f'"detenzjoni amministrattiva" fiċ-Ċina, bħall-pubblikatur Żvediż Gui Minhai, u jużaw il-kanali diplomatiċi kollha biex jeżerċitaw pressjoni għall-ħelsien tagħhom;

(k) juru solidarjetà mas-soċjetà ċivili fiċ-Ċina u f'Hong Kong u li, f'kollaborazzjoni stretta mas-sħab internazzjonali, iħaffu l-implimentazzjoni tal-qafas Ewropew għad-drittijiet tal-bniedem b'miżuri bħal dawk inklużi fir-reġim globali ta' sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem (Magnitsky), partikolarment l-iffriżar tal-assi barranin u r-restrizzjonijiet tal-viża għal dawk involuti fl-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom dawk responsabbli mid-deċiżjonijiet politiċi f'Hong Kong;

(l) jidentifikaw u jagħlqu kwalunkwe triq li bħalissa taġevola l-isforzi ta' repressjoni transnazzjonali min-naħa tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ), anki fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk li jimmiraw lejn il-komunitajiet tad-dijaspora, f'kooperazzjoni u f'koordinament mas-sħab tal-istess fehma;

(m) jirrieżaminaw l-istatus awtonomu ta' Hong Kong fid-dawl tal-Liġi dwar is-Sigurtà

Nazzjonali u tal-ksur min-naħa tal-RPĊ tal-impenji internazzjonali tagħha, tal-ksur tagħha tad-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Brittanika, tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, tal-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi", u tar-repressjoni tal-awtonomija u tal-esponenti tal-oppożizzjoni ta' Hong Kong, fosthom membri tas-soċjetà ċivili;

(n) jikkundannaw it-tentattivi tal-awtoritajiet Ċiniżi li jimmiraw lejn il-komunitajiet tad-dijaspora ta' Hong Kong fl-UE u jistiednu lill-Istati Membri jissospendu t-trattati dwar l-estradizzjoni mar-RPQ u ma' Hong Kong;

Żgurar tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa fir-relazzjonijiet maċ-Ċina permezz tat-tnaqqis tar-riskji

(o) jaħdmu b'mod strett biex irawmu l-għaqda fl-approċċ tal-Istati Membri fil-konfront taċ-Ċina u jsaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE bil-għan li jiġi żgurat li l-Ewropa tkun tista' tiddefendi l-valuri u l-interessi ekonomiċi tagħha, kif ukoll ordni globali bbażat fuq ir-regoli;

(p) jaħdmu għal approċċ imġedded, assertiv u koerenti tal-UE fil-konfront taċ-Ċina, li jsawwar ir-relazzjonijiet mar-RPĊ fl-interess tal-UE kollha kemm hi u jqis bis-sħiħ l-isfidi li jirriżultaw mill-fatt li r-RPĊ qiegħda tikber bħala attur globali u tal-politiki interni dejjem aktar oppressivi tagħha u tal-politika estera assertiva tagħha;

(q) isaħħu l-awtonomija ekonomika tal-UE, jiżguraw relazzjonijiet ekonomiċi reċiprokament vantaġġużi u jimpedixxu li t-teknoloġiji sensittivi jintużaw għal skopijiet militari, billi jnaqqsu r-riskji fil-flussi kummerċjali u jnaqqsu d-dipendenzi kritiċi mir-RPĊ mingħajr ma jimmiraw lejn diżakkoppjament jew li l-UE tinqata' dejjem aktar;

(r) jimplimentaw malajr, f'dan il-kuntest, l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika u jużaw aħjar l-istrumenti kummerċjali eżistenti ħalli jnaqqsu sal-minimu l-effetti negattivi tat-tnaqqis tar-riskji fuq l-ekonomija Ewropea u jiżguraw allinjament mill-qrib mas-sħab fid-dinja kollha tal-istess fehma, pereżempju s-sħab trans-Atlantiċi u tax-Xlokk tal-Asja tagħna;

(s) jaħdmu għal approċċ aktar koordinat maħsub li jipproteġi l-infrastruttura kritika fil-livell tal-UE;

(t) jiżguraw koordinament u kooperazzjoni akbar bejn is-sħab tal-istess fehma dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, inklużi, fost l-oħrajn, kwistjonijiet bħad-dipendenza strateġika, il-koerċizzjoni ekonomika, l-indħil politiku u d-diżinformazzjoni, u biex jiġu promossi l-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli u s-solidarjetà strateġika bejn id-demokraziji;

(u) jenfasizzaw li l-politika ta' "Ċina Waħda" tal-UE tibqa' l-pedament tal-impenn tagħna kemm mar-RPĊ kif ukoll mat-Tajwan, iżda jissottolinjaw ukoll l-effett pożittiv li jirriżulta meta r-rabtiet bejn l-UE u t-Tajwan isiru aktar sodi;

(v) jirrevedu l-politika ta' impenn tal-UE mat-Tajwan u jkomplu jsostnu d-

demokrazija fil-gżira flimkien mas-sħab tal-istess fehma; jinkoraġġixxu aktar skambji bejn il-Parlament u l-kontropartijiet Tajwaniżi f'dan il-kuntest;

(w) jiżguraw li l-istatus quo fl-Istrett tat-Tajwan ma jinbidilx bl-użu tal-forza jew tal-koerċizzjoni permezz ta' appoġġ favur inizjattivi mmirati li jippromwovu d-djalogu, il-kooperazzjoni u t-tisħiħ tal-fiduċja bejn iż-żewġ naħat; iħejju strateġija bbażata fuq ix-xenarji biex jindirizzaw l-isfidi potenzjali fil-qasam tas-sigurtà fl-Istrett tat-Tajwan;

(x) jistabbilixxu "Task Force StratCom għal-Lvant Imbiegħed" fl-ambitu tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, inkarigata mill-identifikazzjoni, mill-monitoraġġ u mill-ġlieda kontra l-isforzi ta' diżinformazzjoni u l-azzjonijiet speċifiċi meħuda miċ-Ċina fil-konfront ta' pajjiż;

(y) jisfruttaw b'mod sħiħ l-istrateġija Global Gateway bħala strument biex jiġu intensifikati l-impenn u r-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mas-sħab li jkunu ġejjin mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u joffru alternattiva għall-istrateġiji ta' investiment barrani mmexxi miċ-Ċina;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.